MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Numru 543/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**
v

**VICTOR ALAN BENNER**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VICTOR ALAN BENNER** ta' erbgha w ghoxrin sena, bin Victor Charles u Christine nee Spiteri, imwieled l-Ingilterra nhar it-tletin ta' Dicembru 1979 u residenti 29, Vjal Simmons, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita` numru 400601M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2004, u matul t-tlett snin ta' qabel din d-data, b'diversi azzjonijiet maghmula, anki jekk fi zminijiet differenti izda li

jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Ikkonsenja medicina ristretta u psikotropika [ecstasy] lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti jew ma kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex jkollu fil-pussess tieghu dik il-mediicina bi ksur tar-regolament 10(2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120(a) tat-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 ul-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif sussegwentement emendati;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika [ecstasy] meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120(a) tat-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 ul-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif sussegwentement emendat;

c. Talli pproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern

skond d-disposizzjonijiet tar-raba u tas-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba u tas-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

h. Talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika [amphetamine] meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120(a) tat-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif sussegwentement emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat l-ewwel ta' Lulju 2004 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 6 tal-atti u dak ai termini tal-artikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha [Kap 31] esibit a fol 7 tal-processwali sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur ta' provvedimenti tal-istess ordinanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-fedina penali tal-istess imputat esibita a fol 3 et seq tal-atti odjerni u l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2004 esibita a fol 9 et seq tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tnax ta' Lulju 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-dsatax ta' Frar 2004 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Illi nhar t-tnejn ta' Lulju 2004 d-difiza talbet lil Qorti sabiex jithejja *pre sentencing inquiry report* fil-konfront tal-imputat in vista tal-fatt li l-imputat huwa *a heavy drug user* u minhabba l-fatt li l-imputat huwa determinat li jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Semghet lil **Josette Camilleri tiddikjara nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2004** li hemm post s-Sedqa sabiex l-imputat jibda programm residenzali.

Illi **nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2004 deher l-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato** li ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument PS. Minn ezami ta' dan il-*pre sentencing inquiry report* jirrizulta li l-imputat, li llum ghandu erbgha w ghoxrin sena, ilu jabbuza mid-droga minn mindu kien ghadu zghir hafna u cioe minn mindu kellu tlettax il-sena u kien ghadu jghix l-Awstralja u kien ghadu jmur l-iskola. Illi huwa kien jiehu *cocktail* ta' drogi fosthom Cannabis, Kokaina, Eroina, LSD, u Ecstasy u dan matul medda ta' snin. Illi jirrizulta li l-imputat dahal il-habs taht arrest preventiv u jinsab ghaddej programm fil-komunita ta' Santa Marija. Illi skond intervista li ghamel l-Probation Officer fuq l-imputat jirrizulta s-segwenti.

**Joanne Battistino**, Assistant Correctional Manager fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, stqarret mal-Ufficjal tal-Probation li fil-perjodu li l-imputat ghamel fis-sezzjoni tal-YOURS, fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, huwa kien riservat hafna u kien jghaddi l-parti l-kbira tal-hin ghalih wahdu u ma kienx jithallat ma prigunieri ohra. hija ghamlet l-arrangamenti kollha sabiex l-imputat jidhol programm residenzjali gewwa l-komunita ta' Santa Marija, fejn attwalment jinsab residenti.

**Wendy Dimech**, Human Rescource Manager tas-socjeta Steel Structures Limited, stqarret mal-Ufficjal tal-Probation li l-imputat kien ilu jahdem mal-kumpanija msemmija ghal madwar tlett snin minn Dicembru 2000 sa 2003. Hija qalet li l-attendenza tieghu ghax-xoghol kienet normali, jidhol fil-hin u anke jaghti l-*overtime* mitlub minnu. Iddeskrivietu bhala bniedem edukat, u qalet li tista tghid li huwa haddiem ezemplari u kienet kuntenta bih ghaliex veru *welder* tajjeb. Ziedet tghid wkoll li una volta l-imputat johrog mill-programm, huma lesti li jhaddmuh sakemm jkollhom ix-xoghol.

**Charles Cutajar**, Care Worker fil-Komunita ta' Santa Marija, jghid lill-Ufficjal tal-Probation li l-imputat jemmen f'dak li jaghmel u ghalkemm ghandu karattru riservat, isaqsi hafna specjalment fuq affarijiet li jinvolvu xoghol. Fil-present huwa *house leader* u ghalhekk jinsab responsabbli tax-xoghol li jkun qed isir mir-residenti l-ohra li qeghdin fl-istess parti tal-programm bhalu. Huwa ddeskriva lil imputat bhala persuna dixxiplinata u lest li jaccetta li jigi koreggut sabiex jsahhah l-karattru tieghu.

**Raymond Grech**, Kap tal-Komunita Santa Marija Sedqa, jghid lill-Ufficjal tal-Probation li l-progress tal-imputat huwa wiehed kostanti u jidher imheggeg sabiex jkompli l-programm ta' riabilitazzjoni. Huwa kompla jghid wkoll li dahal fit-tieni fazi tal-programm imhejji jigifieri fil-fazi tal-formazzjoni.

Minn ezami tar-relazzjoni jirrizulta appuntu mit-tielet parti tieghu, intitolat 'Summarju', li l-imputat kien qed jaghmel tentattiv sabiex jikkontrolla l-abbuz tieghu mid-droga, ghalkemm huwa qatt ma ngagga ruhu f'xi tip ta' programm qabel l-arrest preventiv. L-Ufficjal tal-Probation jirrakkomanda li sentenza karcerarja tigi abbinta ma element riabilitattiv.

Il-Qorti semghet lill-imputat jixhed minn jeddu fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta’ Novembru, 2004 u jghid li verament huwa kellu problema kbira tad-droga li bdietlu minn meta kellu tlettax il-sena u effettivament kien jiehu kull tip ta’ droga u li sahanistra spicca jbiegh id-droga biex jissustanzja l-vizzju tieghu. Qal pero’ li huwa ddispjacih ta’ li ghamel illum il-gurnata li qed jaghmel il-programm ta’ riabilitazzjoni b’mod residenzjali, ihossu hafna ahjar.

Semghet ukoll lill-omm l-imputat tikkonferma li l-imputat illum ghamel progress kbir billi indirizza l-problema li kellu u qed jattendi ghal kura kif mehtiega.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u

f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Illi l-Qorti ezaminat l-istqarrija esibita a fol 9 tal-atti, rilaxxjata mill-imputat nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2004, u minnha jirrizulta li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni fis-sens li ammetta il-pussess tad-droga u t-tehid taghha.  Rat ukoll il-verbal tat-tnejn ta’ Lulju, 2004 maghmul mill-Prosekuzzjoni fis-sens illi l-imputat wera koperazzjoni shiha mal-Pulizija u ghandu jibbenifika mill-provvedimenti tal-artikolu 29 tal-Kap 101.

Rat il-fedina penali tieghu u cioe dik esibita a fol 3 tal-atti, minn fejn jirrizulta li l-imputat kien diga nstab hati ta' xi reati u kontravenzjonijiet naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku f'okkazzjoni wahda fis-sena 1997, fejn gie mmultat hamsin lira maltin u kellu l-licenzja tieghu tas-sewqan skwalifikata ghal perjodu ta' disgha xhur.
Illi ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss in vista tal-fatt illi l-imputat jibbenefika minn riduzzjoni ta' piena kif kontemplat fl-artikolu 29 tal-Kap 101, hija m'ghandiex tkun severa wisq mieghu fl-ghoti tal-piena stante l-ammissjoni bikrija tieghu fil-bidu ta' dan il-procediment u tenendo kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

**Illi ghalhekk l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(a)(b)(d) tal-Kap 101, l-artikolu 5(1) u 10(2) tal-Avviz Legali Numru 22 tas-sena 1985, l-artikolu 40 u 120 tal-Kap 31, l-artikolu 16 tal-Att V tas-sena 1985, tiddecidi li tikkundanna lil imputat VICTOR ALAN BENNER ghal piena karcerarja ta' erbgha u ghoxrin**

**[24] xahar u ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm 300), liema multa ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira, b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mil-wiehed u tletin ta' Jannar 2005 u tordna li z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz, ghandu jitnaqqas mis-sentenza effettiva moghtija llum.**

**Il-Qorti qed taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttrur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-hati jkompli jsegwi programm ta' riabilitazzjoni li hu diga beda.**

Illi b'dispjacir kbir din il-Qorti hija ghalhekk pprojbita milli tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation li, fil-fehma taghha, kienet tkun s-sitwazzjoni ideali ghaliex b'hekk l-imputat kien ikun sorveljat u l-Qorti kien jkollha mohha mistrieh mill-imputat u jinzamm 'l boghod mill-hajja kriminali u appuntu l-artikolu 22(9) tal-Kap 101 jipprojbixxi tali disposizzjoni tal-Att tal-Probation.

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Fl-ahhar net tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jhallas l-ispejjes ta' periti nominati ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ebda perit ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-proceddiment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Il-Qorti tinnomina lil Godwin Sammut sabiex jaghmel d-distruzzjoni tad-droga esibita f'dawn il-proceduri mill-espert Godwin Sammut fit-8 ta' Novembru, 2004.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------